# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru 16**

**Avviz. numru 816/00mm**

**GasanMamo Insurance Agency Limited ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta assikuratrici estera CGU Insurance plc, kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Alexander Attard**

**vs**

**Fabian Schembri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fit-22 ta' Gunju 2000 fejn talbu lil din il-Qorti li:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fit-2 ta'

Novembru 1998 fil-limiti tal-Msida waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru FAJ 616, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-rizultat li huwa habat mall-vettura numru EAX 249 proprjeta' ta' l-assikurat tal-attur, u kkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura.

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' mitejn u hamsa u tmenin lira Maltin, (Lm285.00) jew somma ohra verjuri, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult (Lm15.00), ta' Ittra Ufficjali tas-17 ta' Gunju 1999 debitament notifikata, u ta' ittra ufficjali ohra ippresentat kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, kollox kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:-

Illi dak li talbet is-socjeta' attrici ghandu jigi michud ghax ghall-incident stradali in kwistjoni ma kienx jahti l-eccipjenti.

Salvi drittijiet ohra spettanti lill-eccipjent.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fl-inkrocju ta' Triq Balliju Guthenburg ma' Triq Arturo Bonnici l-Msida fit-2 ta' Novembru 1998 ghal habta tas-siegha u ghoxrin ta' wara nofs in-nhar (1:20p.m.) bejn il-karozza EAX 249 tal-ghamla Skoda misjuqa minn Teresa Attard u l-karozza KIA FAJ 616 misjuqa mill-konvenut Fabian Schembri.

Attard xehdet illi hija kienet qieghdha ssuq il-karozza taghha fi Triq Balliju Guthenburg  u meta waslet fl-inkrocju ma' Triq Arturo Bonnici, rat illi kien hemm trailer ipparkjat ezatt fil-kantuniera fuq il-lemin taghha. Minhabba dan it-trailer, hi ma setghetx tara karozzi hergin minn wara l-stop sign ta' Arturo Bonnici Street. Kien proprju meta waslet vicin il-gabina tat-trailer illi rat il-karozza l-ohra hierga minn wara l-*stop sign*, ghafset il-brake izda ma setghetx tevita l-incident u baqghet diehla fuqha.

Attard kienet qieghdha ssuq ghad-dritt pero' tirrikonoxxi li dan it-trailer kien qieghed jostakola l-vista taghha. Barra minn hekk, hi kienet qieghdha ssuq fin-nofs tat-triq peress illi aktar 'l fuq Triq Balliju Guthenburg tidjieq u ghalhekk kienet qed tipprepara ghal din id-djuqija minn qabel. Tirrikonoxxi li l-konvenut ma kellu l-ebda opportunita' sabiex jinduna bil-presenza taghha u lanqas hi ma kellha din l-opportunita' minnhabba t-trailer ipparkjat illegalment fuq in-nahha tal-lemin taghha.

A fol 13 tal-process Attard tghid: "*I was driving at a normal speed and when I came to the intersection I could not see the other car coming out from the right hand side. And for that matter neither could this car see me coming from its left hand side, all this because of the parked trailer".*

Il-konvenut minn nahha l-ohra jghid illi meta gie fit-tarf ta' Triq Arturo Bonnici waqaf wara l-*stop sign*, hares lejn ix-xellug u minhabba t-*trailer* illi kien hemm ipparkjat fil-kantuniera ma setghax jara l-karozzi gejjin minn dik in-nahha, ghalhekk hareg bil-mod kemm kemm sporga l-*bonnet*, jitfa rasu 'l quddiem sabiex jara kemm jista jkun malajr lejn ix-xellug. Izda, kien proprju dak il-hin illi giet il-karozza l-ohra misjuqa minn Attard u baqghet diehla go fih.

Gew esibiti ritratti kemm minn nahha ta' Attard u kif ukoll minn nahha tal-konvenut. Dawk tal-konvenut huma pero' signifikanti ghaliex ivarjaw mill-istampa li taghti l-sketch. Filwaqt illi l-sketch turi l-hsarat fuq il-*bumper* quddiem u l-*mudguard* tax-xellug, ir-ritratti juru il-hsarat biss fuq il-bumper in-nahha tax-xellug u dawn il-hsarat huma wkoll limitati ghal ghafsa li hija pjuttost fonda dejjem fuq il-bumper, la l-mudguard, la l-fanal u lanqas il-bonnet, u faccata tal-karozza huma minsusin.

Ikkunsidrat:-

Illi ma hemmx dubbju illi t-trailer li kien hemm ipparkjat illegalment fil-kantuniera kkontribwixxa mhux ftit ghal dan l-incident pero' dana mhuwiex qieghed f'din il-kawza u jekk hemm

xi responsabbilta' l-Qorti ma tistax tikkunsidraha. Dan it-trailer ikkrea diffikulta ghaz-zewg sewwieqa. Kemm Attard, kif ukoll il-konvenut kellhom doveri u obbligi ferm serji mehud in konsiderazzjoni d-diffikultajiet illi kienu pprezentati biha.

Attard halliet xi 3.4meters brake marks. Dawn ma humiex xi affarijiet kbar u ma jirrifflettux f'xi velocita' mhux prudenti ghal dawk l-inhawi. Minnahha l-ohra l-konvenut ighid illi huwa waqaf wara l-*stop sign* u l-incident gara hekk kif kien *inching out* biex jipprova jara t-triq fuq ix-xellug tieghu.

Ikkunsidrat:

Wara li l-Qorti fliet sew l-operat taz-zewg sewwieqa ssib illi ghandha x'ticcensura fis-sewqan ta' Attard mehud in konsiderazzjoni d-diffikultajiet illi t-*trailer* fuq il-lemin taghha pprezenta. Attard tidher li hija ppustjata fin-nofs tat-triq u mhux fil-*lane* tax-xellug fejn suppost kienet. Hi tghid illi din ghamiltu peress illi t-triq tidjieq, pero' kemm mir-ritratti u kif ukoll mill-isketch li hemm esibit f'dawn l-atti jirrizulta li Attard kellha hafna iktar spazju fuq ix-xellug x'tutilizza minghajr ma tinxtehet daqshekk lejn il-lemin. Il-Qorti mhix qieghdha ticcensura lil Attard biss minhabba dan l-ippustjar, izda jidhrilha illi darba kienet ser tavvicina nkrocju fejn kienet taf li kien hemm *blind corner* u minhabba diffikultajiet partikolari li s-sitwazzjoni kienet qed tippresta imissha naqset xi ftit mil-velocita' halli hija tipprevedi dak li probabbilment setgha jigri. Ma hemmx dubbju, illi fit-toroq affollati taghna wiehed ghandu jippretendi illi jkun hemm karozzi hergin minn kull kantuniera fi kwalunkwe hin u

ghalhekk mehud inkonsiderazzjoni d-diffikultajiet ta' dan il-kaz Attard messha naqset il-velocita' b'mod aktar prudenti.

Il-konvenut minn nahha l-ohra waqaf fuq l-*stop sign* kif kien obbligat li jaghmel. Il-Qorti tifhem li dana kellu xi diffikultajiet partikolari minhabba dan it-trailer parkjat fuq ix-xellug, u kien ghalhekk illi kellu bil-fors johrog bil-mod sabiex jesplora t-triq minn dik in-nahha. Ir-ritratti minnu esibiti jidhru bic-car illi l-hsarat subiti fil-karozza tieghu huma rizultat ta' kollizzjoni kwazi zbrixx li tindika li l-konvenut lahaq hareg il-bonnet biss sakemm tfaccat il-karozza l-ohra u sar l-incident.

Il-Qorti ma tistax issib xejn imprudenti fis-sewqan tal-konvenut. Bilfors kellu jagixxi b'dak il-mod ghax inkella kien jibqa fejn hu u ma jiccaqlaqx. Ma hemmx dubbju, illi dan it-*trailer* ipprezenta certa diffikultajiet u l-konvenut ha l-prekawzjonijiet li suppost kellu jiehu biex jevita dawn id-diffikultajiet u jesporgi l-mininu possibli fit-Triq Balliju Guthemburg halli huwa jkun jista jara l-karozzi gejjin minn fuq ix-xellug tieghu. Gara pero' illi z-zewg vetturi kienu vicin wisq qabel ma ndunaw b'xulxin u dan l-incident ma jistax jigi evitat. Il-konkluzzjoni li l-Qorti ghandha tasal ghaliha fl-isfond ta' dawn ic-cirkostanzi hi illi s-socjeta' attrici ma ppruvatx fil-grad li trid il-Ligi illi d-danni subiti mill-assikurat taghha kienu kawza ta' xi negligenza jew traskuragni da parti tal-konvenut.

Fil-kawza <u>Dr H Lenicker vs J Camilleri</u> Prim Awla 31 ta' Mejju 1972) il-Qorti qalet *"… f'kawza civili l-attur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-*

*Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli".* L-istess inghad fil-kawza Francis Paul Ebejer Noe vs Malcolm Muscat deciza ukoll mill-Prim Awla fis-17 ta' Ottubru 1997.

Fl-isfond ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ma jidhirlhiex kif tista issib xi htija fis-sewqan tal-konvenut. Dana jidher illi agixxa b'mod prudenti quddiem id-diffikultajiet illi gew ippresentati lilu, liema diffikultajiet zgur ma kienux inizjati minnu jew ta' responsabbilta' tieghu. Ghalhekk il-Qorti ma tarax kif tista tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas dawn id-danni kif mitluba mis-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u konsegwentement tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha.

Anthony Zammit
Dep Reg